MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 13/2000/1

Maria Assunta xebba Spiteri, f'isimha u bħala mandatarja ta' ħuha imsiefer Loreto Spiteri;
Rita mart Vincent Zammit ;
Mary mart Loreto Bugeja;
Giovanna armla Cauchi .

vs

Joseph u Maria konjugi Debono ,
John Debono .
Andrew Debono .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Camilleri tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju elf disa' mija u tmintax (1918),

Loreto Buttigieg, sajjied, bin Giusepp, akkwista fost oħrajn "*una porzione di terra denominata 'Ta' Mattiolu' sita in Casale Ghainsielem ed in contrada 'Tal-Balliu' della capacita' di otto mondelli e sette misure, confianta da levante con strada, da tramontana e ponente con beni del Signor Luigi Bondi', e da mezzodi con beni di Michele Galea, franca e libera con tutti I suoi diritti e pertinenze' .*

Illi Loreto Buttigieg miet fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru elf disa' mija sebgħa u sittin (1967), u rregola s-suċċessjoni tiegħu skond testment fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci tal-erbatax (14) ta' Jannar elf disa' mija u ħdax (1911), li fih pero' baqa' ma nnominax eredi ;

Illi Loreto Buttigieg kellu żewġ ħutu, ċjoe' Michele, u Assunta mart Alessandro Spiteri, illi pero' kienu mietu t-tnejn qablu, stante illi Michele kien miet fil-wieħed u għoxrin ta' Marzu elf disa' mija erbgħa u erbgħin (1944), mentri Assunta mietet fit-tlieta ta' Settembru elf disa' mija ħamsa u għoxrin (1925) ;

Illi Michael Buttigieg miet improle, mentri Assunta Spiteri kellha żewġt ulied, u ċjoe' Giovanna Cauchi (l-attriċi) u Giusepp Spiteri illi a sua volta miet fl-għoxrin (20) ta' Diċembru elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995) u ġie sopravissut mill-erbat uliedu l-atturi l-oħra ;

Illi għaldaqstant illum il-ħames atturi huma l-uniċi eredi ta' l-imsemmi Loreto Buttigieg ;

Illi għal dawn l-aħħar diversi snin, il-konvenuti konjuġi Debono bdew jokkupaw u jikkapparraw mingħajr ebda titolu u llegalment l-porzjon art fuq deskritta akkwistata minn Loreto Buttigieg u proprjeta' tal-atturi, u saħansitra b'żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Georgina Scicluna tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Diċembru elf disa' mija tmienja u disgħin (1998), il-konvenuti konjuġi Debono assenjaw b'titolu ta' donazzjoni lil kull wieħed miż-żewġ konvenuti l-oħra żewġ porzjonijiet disġunti minn din l-art, u ċjoe' assenjaw lill-konvenut John Debono '*porzjon raba li tifforma parti minn biċċa raba akbar msejħa 'Iċ-Ċens ta' l-Għarus' fi Triq Cordina fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex*

*liema porzjon raba minnhom ħdax punt disgħa metri kwadri (11.9m.k.) se jittieħdu biex titwessa' t-triq u li tikkonfina mit-tramuntana ma' beni li ġew assenjati permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni lil Andrew Debono, mill-Lvant ma' Triq Cordina u min-nofsinhar u mill-punent ma' beni tad-donanti' :* mentri lil Andrew Debono assenjawlu '*porzjon raba li tifforma parti minn biċċa raba akbar msejħa 'Iċ-Ċens ta' l-Għarus' fi Triq Cordina fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex liema porzjon raba hija tal-kejl ta' mitejn u ħamsa u għoxrin punt erbgħa metri kwadri (225.4 m.k) li minnhom ħdax punt disgħa metri kwadri (11.9m.k.) se jittieħdu biex titwessa' t-triq u li tikkonfina mit-tramuntana u mill-lvant ma' Triq Cordina u minn nofsinhar u mill-punent ma' beni tad-donanti ;*

Illi bħala provenjenza fuq dawk iż-żewġ kuntratti, il-konvenuti konjuġi Debono ddikjaraw illi '*l-immobbli hawn trasferit ippervena lid-donanti Joseph u Maria konjuġi Debono permezz tal-preskrizzjoni u dan peress li d-donanti Joseph Debono kellu l-pussess mhux interrott ta' l-istess raba għal aktar minn dawn l-aħħar erbgħin (40) sena' :*

Illi l-atturi jridu jirrivendikaw din l-istess art .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi huma proprjetarji tal-porzjon art fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, fi Triq Cordina, drabi oħra magħrufa bħala Triq Balliju, magħrufa bħala "Ta' Mattijolu" tal-kejl ta' madwar tmien sigħan u seba' kejliet, tmiss illum mit-tramuntana u lvant ma' Triq Cordina, u nofsinhar u punent ma' beni oħra illi jinsabu fil-pussess tagħkom konvenuti jew min minnkom ;

2. Konsegwentement tirrivendika din l-art a favur ta' l-atturi;

3. Tikkundannakom jew min minnkom sabiex tirrilaxxjaw il-pussess ta' din l-istess art a favur tal-atturi ;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk taż-żewġ mandati ta' inibizzjoni fl-ismijiet 'Ganna Cauchi vs Joseph Debono' Rikors nru. 123/99, u 'Ganna Cauchi vs Andrea Debono et', Rikors Nru. 134/99, kontra tagħkom, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom msejħa .

Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni għad-danni spettanti lill-atturi kontra tagħkom .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament maħlufa minn Maria Assunta Spiteri .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom inklużi wkoll tal-istess mandati ta' inibizzjoni fl-ismijiet Ganna Cauchi vs Joseph Debono (mandat Nru. 123/99) u Ganna Cauchi vs Andrea Debono (Mandat Nru. 134/99) u tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Diċembru 1999;

2. Illi l-art li għaliha jirreferi l-kuntratt tal-21 ta' Lulju, 1918, fl-atti tan-Nutar Giuseppe Camilleri, ċitat mill-atturi u li fuqu qegħdin jibbażaw il-kawża tagħhom, mhijiex l-istess art in kwistjoni li tinsab validament u legalment fil-pussess tal-eċċipjenti u li oriġinarjament kienet ta' Angelo u Margherita Portelli, kif ser jirriżulta ampjament fil-kors tal-kawża ;

3. Illi inoltre Loreto Buttigieg iben Giuseppe li akkwista n-nofs indiviż tal-art bil-kuntratt tal-21 ta' Lulju, 1918 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Camilleri m'huwiex l-istess Loreto Buttigieg li għalih qegħdin jagħmlu riferenza l-atturi fiċ-ċitazzjoni tagħhom u l-atturi m'għandhom ebda relazzjoni jew konnessjoni miegħu ;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti maħlufa minn Andrea Debono .

Rat il-verbal tagħha tal-8 ta' Marzu 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rati in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa  u d-dokumenti esebiti, fosthom l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 123/1999 fl-ismijiet : "Ganna mart Pinu Cauchi vs Joseph Debono" .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża rivendikatorja .  Dwar din l-azzjoni il-**Pacifici Mazzoni** jfisser illi :

"*La proprieta' … e' un diritto assoluto .  Ma tale non sarebbe ove la legge non proteggesse le facolta' ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca .  Quindi il proprietario puo' rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria … .  L'azione rivedicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta' e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni sua accessione … .  Nel giudizio di rivendicazione l'attore deve provare la sua proprieta', che e' il fondamento della sua azione.  Ne' puo' pretendere invece di provare che il diritto di proprieta' manchi all'avversario .  Ove non riesca l'attore a provare la sua proprieta', il reo convenuto resta assoluto pei noti principii :* ***actore non probante, reus absolvitur; in pari causa, melior est conditio possidentis*** *… .  La prova dev'esser piena : appunto perche' il diritto, che ne forma l'oggetto, e' il fondamento dell'azione .  Questa prova risulta in maniera irrefragabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell'attore o di uno dei suoi autori .  In difetto di usucapione la prova*

*della proprieta' non puo' risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giustificazione del diritto dell'autore immediato, e dei suoi predecessori; risalendo sino a quello di uno di essi, per quanto remoto, che l'avesse acquistata mediante l'usucapione . Ma colla comune dei dottori si osserva da* Aubry e Rau, *che una prova cosi' rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta* **probatio diabolica** *. Sembra quindi che per equita' non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o piu' fondato di quello del reo convenuto . Da questo principio, che' pure sussidiato dalla presunzione della proprieta' annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole:*

*1. Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprieta', consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta', purche' il suo titolo* sia anteriore al possesso del reo convenuto ….

*2. Quando si' l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta', e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e' regolata dall'anteriorita' della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi …..*

*3. Allorche' l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua dimanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de' luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato;….*

*Del resto la prova della proprieta' puo' farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente ove trattisi di rivendicare un dominio antico .*

*Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo' sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dalle mappe o campioni catastali."*[1]

Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji dottrinali, nsibu l-Qrati tagħna jispjegaw illi :

"…. *L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta' fih, tal-ħaga li jrid jirrivendika . Mhux biżżejjed li hu talvolta jipprova li l-ħaġa mhix tal-konvenut, imma jeħtieġ li juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu – '**melior est conditio possidentis**' . Ġie dejjem ritenut mill-Qrati Tagħna, fuq l-istregwa tal-prinċipji ammessi universalment mid-dottrina u l-ġurisprudenza, bażata fuq liġijiet bħal tagħna, illi dik il-prova li hi eżatta mir-rivendikant hemm bżonn li tkun kompleta u konklużiva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935, Kollez. Vol. XXIX. II. 488) . 'kwalunkwe dubbju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-**pussessur konvenut**' . Kompla f'dik is-sentenza jingħad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tiegħu li tkun eżenti mill-anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez. XXXII. I. 282; XXXIII. II. 266; XXXV. I. 518; XXXVII. I. 105*;"[2]

Hekk ukoll ingħad illi :

" *Rekwiżiti għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-ħaġa akkwistata leġittimament u li* ***l-konvenut ikun qed jippossediha .***

*Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteġġjament difenzjonali prexelt mill-konvenut; in quanto jekk hu jeċċepixxi li hu għandu titolu fuq il-ħaġa rivendikata aktar mill-attur, il-piż tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilħaqx din il-prova jissokombi fl-eċċezzjoni tiegħu; jekk għall-kuntrarju huwa jittrincjarja ruħu wara l-barriera ta'*

---

[1] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884; vol. III. # 131 - 134, p. 207 et seq. .

[2] Appell Civili : Giuseppe Buhagiar v. Giuzeppi. Borg : 17.11.1958; Kollez. vol. XLII. pt. I. p. 575 .

*pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu tal-pussess, iżda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, għandu jissuċċedi fl-eċċezzjoni tieghu".*[3]
L-atturi qegħdin jibbażaw it-titolu tagħhom fuq kuntratt ta' bejgħ li permezz tiegħu ċertu Loreto u Mikieli aħwa Buttigieg, ulied Giuseppe, kienu akkwistaw bejniethom mingħand l-eredita' ta' ċerta Angela Calleja, biċċa raba magħrufa "Ta' Mattjolu" fil-kuntrada "Tal-Balliju", limiti ta' Għajnsielem, tal-kejl ta' ċirċa tmien sigħan u seba' kejliet, u li ġiet deskritta fil-kuntratt bħala li tmiss lvant mat-triq, tramuntana u punent ma' beni "*del signor Luigi Bondi'* " u min-nofsinhar ma' beni ta' Michele Galea[4] . Fiċ-ċitazzjoni tagħhom jippremettu illi l-aħwa Buttigieg mietu ġuvintur u mprole u għalhekk wirtuhom it-tfal ta' oħthom Assunta mart Alessandro Spiteri, u ċioe' l-attriċi Giovanna Cauchi u Giusepp Spiteri, illum mejjet, u li jiġi missier l-atturi l-oħra .

Il-konvenuti jikkontendu :

(i) illi l-għalqa msemmija fil-kuntratt li fuqu qed jibbażaw it-titolu tagħhom l-atturi mihiex l-art fil-pussess tagħhom, u

(ii) l-atturi m'għandhom xejn x'jaqsmu ma' l-aħwa Buttigieg imsemmija f'dak il-kuntratt .

A bazi tal-prinċipji stabiliti hawn fuq, sew fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza, ġialadarba l-konvenuti m'humiex jeċċepixxu titolu ta' proprjeta', imma qed jistrieħu sempliċement fuq il-pussess li huma ilhom igawdu fuq l-art li qed jippruvaw jirrivendikaw mingħandhom l-atturi, l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-atturi li jridu jippruvaw inekwivokament it-titolu tagħhom jew ta' l-inqas li għandhom titolu aħjar minn dak tal-konvenuti .

Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom l-atturi jissottomettu illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti huma kontradittorji, għaliex la darba qegħdin jitfgħu dubbju fuq

---

[3] Giuseppi Abela vs John Zammit : P.A. 16.5.1963 .
[4] kuntratt in atti Nutar Giuseppe Camilleri tal-21.7.1918; Dok. A a fol. 6 - 10 tal-process

il-pretensjoni ta' l-atturi li huma eredi tal-persuni li kienu akkwistaw l-art deskritta fiċ-ċitazzjoni, dan neċessarjament ifisser illi qed jammettu illi din l-art hija l-istess waħda okkupata mill-konvenuti . Il-Qorti pero' ma tistax issegwi l-loġika ta' dan l-argument, u ma tara xejn ħażin fl-istrateġija tal-konvenuti li jattakkaw il-pretensjoni ta' l-atturi fuq żewġ binarji li jistgħu jkunu komplimentari għal xulxin .

L-uniċi provi li jipproduċu l-atturi dwar l-identita' ta' l-art in kontestazzjoni, huma d-depożizzjonijiet ta' l-istess atturi Giovanna Cauchi u Maria Assunta Spiteri . Cauchi tgħid sempliċement illi *: "Jiena dik ir-raba' kont immur naqla' l-ħaxix ma' ommi hemmhekk, u naqta' l-ħaxix minn hemm ġew*." [5] Spiteri tgħid li missierha ġieli uriħielha meta kienu jgħaddu minn hemm u kien jikkummentala dwar il-fatt li l-konvenut Guzepp Debono kien daħal ġo fiha . Tgħid pero' illi qatt ma ħa passi biex jiżgumbrah, billi kellu xi kawżi oħra Malta u ma riedx iżid l-inkwiet . Jissemma wkoll ċertu Guzepp Galea magħruf bħala "iċ-Ċimblu" li allegatament kien għamel żmien jaħdem din l-art bil-kunsens ta' Loreto Buttgieg . Dan ġie pero' miċħud minn Mariano Saliba, li joqgħod fl-inħawi u li sostna li qatt ma ra liċ-"Ċimblu" jaħdem l-art fil-pussess tal-konvenuti . L-inċertezza dwar l-identita' ta' din l-art kompliet tiżdied meta ġie prodott il-Monsinjur Eduardo Bondi' Dalli, li jamministra beni tal-familja f'dawk l-inħawi . Id-depożizzjoni tiegħu kienet rilevanti in vista tal-fatt illi tnejn mill-irjiħat li jissemmew fil-kuntratt li fuqhom qed jistrieħu l-atturi, imissu ma' beni ta' din il-familja . Huwa sostna illi m'għandhom ebda proprjeta' li tmiss ma' dik ipposseduta mill-konvenuti, u l-art tagħhom hija ferm iżjed lejn Mgarr Road . Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom l-atturi jippruvaw ixejnu din ix-xhieda billi jgħidu illi Luigi Bondi' li jissemma fil-kuntratt *de quo,* kien jiġi l-bużnannu tal-monsinjur, u allura jista' jkun illi membri oħra ta' l-istess familja għandhom raba oħra li tikkonfina ma' dik ipposeduta mill-konvenuti u li mhix amministrata mill-monsinjur . Imma dwar dan baqgħu qatt ma ressqu provi .

---

[5] ara deposizzjoni taghha fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni Nru. 123/99 .

Teżisti wkoll problema dwar l-identita' tal-persuni li jissemmew fil-kuntratt li fuqu qed jibbażaw it-titolu tagħhom l-atturi . Ġara illi fuq dan il-kuntratt ma tingħatax il-maternita' ta' l-imsemmija Loreto u Michele aħwa Buttigieg ulied Giuseppe . Jirriżulta illi b'kumbinazzjoni f'dak iż-żmien kien hemm żewġ familji f'Għajnsielem li kellhom tfal b'dawn l-ismijiet u l-missier kien Giuseppe . Wieħed kien miżżewweġ lil Francesca nee' Vassallo u l-ieħor lil Filomena nee' Gauci . L-atturi jgħidu illi l-parentela li għandhom hija ma' Loreto u Michele aħwa Buttigieg ulied Giuseppe u Filomena nee' Gauci . Irriżulta pero' fil-kors tas-smiegħ tal-kawża, illi għalkemm fiċ-ċitazzjoni l-atturi ppremettew ili dawn iż-żewġt aħwa kienu ġuvintur, Michele kien miżżewweġ u kellu ħafna ulied li bosta minnhom kienu għadhom ħajjin meta ġiet intavolata din il-kawża u li allura wkoll suppost għandhom pretensjonijiet simili għal dawk ta' l-atturi . Għalkemm huwa minnu dak li jsostnu l-atturi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom illi dan ma jirrendix il-kawża nulla, għax kwalunkwe komproprjetarju jista' jfittex li jirrivendika l-proprjeta' li għandu sehem minnha anke mingħajr il-parteċipazzjoni tal-komproprjetarji kollha,[6] dan in-nuqqas ta' interess huwa dejjem indikattiv ta' inċertezza fil-pretensjoni ta' l-atturi . Sinjifikanti wkoll il-fatt illi l-ewwel darba li xi ħadd mill-familja ta' l-atturi qatt iddenunzja l-art indikata fiċ-ċitazzjoni għal skopijiet ta' taxxa tas-suċċessjoni, kien biss fil-mori ta' din il-kawża, kif tammetti l-istess Maria Assunta Spiteri . Dan ġie konfermat ukoll bid-dikjarazzjonijiet li l-konvenuti kisbu mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni rigward id-denunzji in segwitu għall-mewt ta' Loreto u Michele Buttigieg, ulied Filomena nee' Gauci, li mingħandhom l-atturi jippretendu li wirtu t-titolu fuq l-art in kwistjoni[7] . Għall-kuntrarju jirriżulta mingħajr dubbju minn kuntratt ta' diviżjoni tal-beni ta' Loreto u Michele Buttigieg, ulied Francesco nee' Vassallo[8] fejn issir referenza għad-denunzji tas-suċċessjoni rispettivi tagħhom, illi dawn kienu jipposjedu indiviżament

[6] Prim'Awla : Carmela sive Carrie Zammit vs Carmelo Zammit et : 15.10.1959 vol. XLIII. ii.778
[7] ara Dokti. MS 1 u MS 2 a fol. 237, 238 tal-process .
[8] Dok. MB 8 a fol. 174 .

bejniethom art bl-istess deskrizzjoni mogħtija fil-kuntratt tal-1918 imsemmi fiċ-ċitazzjoni[9] .

F'tali ċirkostanzi fejn l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw la li l-art deskritta fiċ-ċitazzjoni hija l-istess waħda okkupata mil-konvenuti, u wisq anqas illi huma l-eredi jew ko-eredi ta' Loreto u Michele aħwa Butttigieg li kienu akkwistaw l-istess art, ma jistax jingħad illi huma għamlu l-prova tat-titolu meħtieġa f'kawżi simili, jew li ta' l-inqas għandhom titolu aħjar minn dak tal-konvenuti .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża, billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] Dok. MB 3 u MB 4 a fol. 159 - 163 tal-process .